**Kunsill Lokali –ISLA– Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 26

29 **ta' Jannar 2021**

Il-Kunsilli Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, fil- 5:30pm.

**PREŻENTI:**

Clive Pulis - Sindku
Anthony Bonavia - Viċi Sindku
Joline Attard - Kunsilliera
Malcolm Gatt - Kunsillier
Corinne Buhagiar - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

NIL

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 26 għad-disa' leġislatura

| | |
|---|---|
| **26.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| | Ma kienx hemm. |
| **26.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti** |
| 26.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-seduti numri 25 tqassmu lill-kunsilliera permezz ta' imejl li ġew approvati mill-kunsillier is-Sur Malcolm Gatt u ġew issekondti mill-Kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar.. |
| **26.3** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 26.03.01 | Is-Sindku informa lil kunsilliera dwar laqgħa li kien preżenti flimkien mal-kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar u s-Segretarju Eżekuttiv is-Sinj. Graziella Gellel mas- Sinj. Analise Duca fil- 11 ta' Jannar 2021 dwar software sabiex ir-residenti u kuntratturi jistgħu japplikaw għal-permessi onlajn. Din is-sitema tiswa madwar €5000 pero tista tiġi imħalsa f' erba' darbiet. Il-viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia approva din is-sitema u l-kunsillier is-Sur Malcolm Gatt isekondah. |
| 26.03.02 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera li ser tiġġeded il-polza tal-assigurazzjoni mal-Island Insurance Brokers għal Combined Insurance Policy u li fit-2 ta' Frar 2021 is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ser jiltaqgħu laqgħa virtwali sabiex jiddiskutu l-polza aktar fid-dettal. It-total għal din il-polza tammonta għall €1780.19. Is-Segretarju infurmat lil kunsilliera wkoll, dwar il-polza tal-Assigurazzjoni tal-Flus għall-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali mal-assoċċjazjoni, ċirkulari Cir AKL2021/002. Il-Kunsilliera approva li l-kusill għandu japplika għal dawn l-assigurazzjonijiet. |
| 26.03.03 | Is-Sindku flimkien mas-Segretaju Eżekuttiv attendew laqgħa onlajn dwar il-Proġett URBACT fejn iddiskutew l-Mob App fejn is-sindku tkellem mal-perit Fleur Ebejer kif ukoll mas-Sur Robert Abela u is-Sur Fabian Galea li l-Kunsill lokali tal-Isla qed jipparteċipa fil-proġett Slow Street li għal dan l-istudju hemm il-Perit Tom Valderim. Waqt din il-laqgġa kien hemm preżenti Dr. Mariella Buontempo u Is-Sinj. Roberta Adami Zarb minn naħa tad-dipartiment tas-saħħa. Dawn jixtiequ li |

| | |
|---|---|
| | jitkellmu mal-għaqdiet sabiex titniżżel summarju ta l-għan tal-għaqda tagħhom. |
| 26.03.04 | Is-Sindku flimkien mas-segretarju eżekuttiv iltaqgħu onlajn sabiex jitħejja Master Plan għal Urban Greening. Dan l-istudju ser jiġi jiswa madwar €35000. Il-fondi ta' dann il-proġett ser jittieħdu mill-PA. Għal din il-laqgħa kien hemm preżenti is-Sur Antoine Gatt, Faye Sciberras u Sara Schreiber flimkien mas-Sinjura Anna Spiteri, is-sindku is-Sur Clive Pulis u s-segretarju Eżekuttiv is-Sinj. Graziella Gellel fejn iddiskutew fejn jista' jinħolqu aktar Green Areas fl-urban u fejn hemm aktar spazji miftuħha sabiex jinħolqu *Roof Gardens* u vertical gardens dan l-istudju ser issir minn ta' l-ewwel u innovattiv fejn jista jinħoloq urban farming li l-komunita titgħallem aktar fuq is-siġar u pjanti kif ukoll il-komunita tgawdi mill-istess ħxejjex li jistgħu jinżergħu. Dan il-Master plan isservi sabiex il-kunsill u l-gvern ikollu stampa ċara ta kif wieħed jista jżid aktar spazji pubbliċi, aċċess għat-Trasport Pubbliku u trasport inġenerali kif ukoll għall pedonali. Dan l-istudju jista' jservi wkoll ta' *Role Model* għall kunsilli oħra. |
| 26.03.05 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera preżenti li l-kunsill lokali ser iħallas claim ta' €350 fuq ħsara ta' Karozza FCM116 li saret fit-02 t' Ottubru 2018. |
| 26.03.06 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera li kienet laqgħa onlajn mal-parteċipanti tal-Italja u tal-Kroazja fit-13 ta' Jannar 2021 sabiex iddiskutew biex illaqqgħu l-istudenti onlajn biex jibdew jaħdmu fuq dan il-proġett Once Upon A Time , għalhekk din il-laqgħa ser issir fil-11 ta' Frar 2021, għandha issir laqgħa oħra f' Marzu 2021 biex b'hekk jiltaqgħu hawn Malta bejn is-7 u 17 t' April 2021. Dan il-proġett reġa' ġie postpost minħabba s-sitwazjoni tal-pandemija. |
| 26.03.07 | Is-Sindku informa l-kunsilliera preżenti Laqgħa ms-sur Joe Micallef dwar maintanance tal-Arblu li hemm fil-Gardjola li jirappreżenta il-Convoy ta' Santa Maria sabiex il-kunsill jibgħat ittra biex dan l-arblu jiġi approvat u skedat mal-monumenti ta' Malta. Il-Manutenzjoni ta' dan l-arblu jikkonsisti min xkattlar tal-arblu li hu magħmul minn ħadid, żebgħa u ċima u tibdil tal-buzzelli u l-ispiża tal-krejn. Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet imejl lil Onor Jose Herrera fejn informa lis-Segretarju Eżekuttiv li l-imejl għaddiha lis-supretendent tal-Wirt Kulturali.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv għaddiet is-suġġeriment tass-Sur Joe Micallef lil kunsilliera sabiex issir irħama b'dati importanti li ġraw fix-xatt tal-Isla. |

| | |
|---|---|
| 26.03.08 | Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-sindku attendew għall-laqgħa mas-Sur Ronald Bezzina fejn is-Sindku u s-segretarju Eżekuttiv raw x'jikkonsisti dan it-tour virtwali 360 degrees li huwa ferm interessanti kemm għall barranin kif ukoll għall residenti għax jidħol fid-dettal tal-knisja parrokjali. Din is-sit ser tiġi updated tlett darbiet fis-sena il-prezz ta dan huwa ta €1580 li ser jiġi rimbors mir-reġjun xlokk. Il-Ħlas fis-sena ser ikun ta €30 u jekk il-kunsill irrid itella' xi informazzjoni oħra minn barra dawk it-tlett darbiet fis-sena jkun għall prezz ta' €50. Ser issir depożiu ta 50% u kif titlesta din is-sit virtwali jitħallsu l-50% l-oħra. Il-Kunsilliera qablu unanimament. |
| 26.03.09 | Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-sindku fit-18 ta Jannar 2021 iltaqgħu mal-puluzija Mark Cremona sabiex iddiskutew is-suġġett *Police Community*. Il-Kunsill ser ikollu servizz ta' Commnity Officer fejn jekk ikun hemm bżonn ta' puluzija li jkun qed iddur fil-lokal sabiex jeduka għal xi nuqassijiet li jkun hemm fil-lokal ikun qiegħed fil-lokal tal-Isla għad-dispożizzjoni tagħna. Dawn il-puluzija jixtiequ li jkollhom rota sabiex ikun jistgħu idduru aktar fil-lokalita u jitkellmu aktar mal-pubbliku, din ir-rota hija tal-batterija u tiswa €2,350.00 iżda peress il-bliet tal-kottonera xtraw diġa waħda għall kull belt ser jinata' skont ta' €200 għalehkk il-prezz ser ikun €2,150.00. Il-Kunsilliera qablu dwar dan is-servizz u x-xiri ta' din ir-rota. |
| 26.03.10 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet imejl dwar espressjoni ta' interess SPI.SCI.7.2020.- 'Smart Solutions' għall-Immaniġġjar tal-Iskart lil kunsilliera kollha sabiex jekk ikun hemm xi suġġeriment kif il-lokalita tal-Isla tista tibbenefika minn din l-iskem il-kunsill ikun jista' japplika sas-26 ta' Frar 2021. Is-Sindku is-Sur Clive Pulis ħareġ bl-idea li jsiru bins taħt l-art fejn il-grawnd tal-futbol u 3 bins organiċi sabiex issir kompost, wieħed fil-Ġnien il-Gardjola, wieħed quddiem it-terrace houses u l-ieħor fil-herb garden li għadu kif sar fi Triq il-Ponta. Dan il-Proġett ser jiġi jiswa madwar €130,000 fejn 80% tal-fondi jingħataw mid-dipartiment għal gvern Ċentrali skond din l-iskema u l-20% jinħarġu mill-fondi tal-Kunsill. Il-Kunsillera is-Sinj. Corinne Buħagiar bagħtet imejl fejn hi issiba ftit diffiċli minn ħabba l-iskavar, iżda jekk il-periti ma jsibux problema ma ssibx diffikulta biex issir din is-sistema. Il-Kunsilliera qablu mas-suġġeriment tas-Sindku. |
| 26.03.11 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet noti li saret laqgħa fil-25 ta' Jannar 2021 mas-Sinjuri tal-Lesa, is-Sur John Galea, is-Sur Claudio Tonna u S-Sinjorina Stephanie Galea fejn dawn ikkonfermaw li ħadd ma jista jipparkja fuq yellow line fil-pjazza u min jabbuża jaqla' ċitazjoni. Min immur jiġbed mill-ATM hemm il-kaxxi ta' loading u Unloading fejn wieħed jista jieqaf u min jidħol fil-Bus Terminus kull m'għandu ċans biex jiġbed mill-ATM huwa massimu ta' tlett minuti sakemm iddur il |

| | |
|---|---|
| | camera. Għal din il-laqgħa kienu preżenti il-viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia, u l-kunsilliera is-Sinj. Joline Attard u is-Sinj. Corinne Buhagiar onlajn filwaqt is-Sindku s-Sur Clive Pulis u s-Segretarju Eżekuttiv kien preżenti mal-uffiċjali tal-Lesa. |
| 26.03.12 | Is-Sindku u s-Segretarju eżekuttiv fit-28 ta' Jannar 2021 attendew għall-preżentazzjoni tal-Istudju ta' Slow Streets fl-uffiċini tal-AKL fil-Marsa fejn il-Perit Tom Valderem spjega kif wieħed jista jtejjeb it-toroq tal-Isla sabiex ikun aktar aċċessibli għall min qiegħed jimxi jew juża ir-rota. It-Toroq imsemmija kienu 31 ta' Marzu, ix-Xatt J.B. Azopardo li tibqa' sejra sa Triq is-Sur, u Triq il-Vitorja. Dan ir-rapport intbgħat lil kunsilliera peżenti għall approvazzjoni tagħhom ukoll. Il-kunsilliera iddiskutew fuq dan ir-rapport u qablu ma dan l-istudju. |
| 26.03.13 | Is-Sinkdu iddiskuta mal-kunsilliera preżenti dwar laqgħa li saret mas-sur Quinton rigward l-applikazzjoni tal-Belt Kulturali 2022 fejn tkellimna ftit biex nibdew naħsbu għal ċertu żoni fil-lokalita, atturi , artisti u nies Sengleani biex jieħdu sehem fl-attivita għalhekk<br>saret ukoll laqgħa l-bieraħ mal-għaqdiet u dalgħodu saret site visit mal lokalita.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera preżenti dwar laqgħa li saret fit-28 ta' Jannar 2021 mal-għaqdiet fejn kien hemm preżenti; Fr. Antoine u Fr. Richard mis-Salesjani, Is-Sur Gino Parnis rappreżentant mil-Paroċċa Parrokjali, is-Sur Stefan Azzopardi White mis-sezzjoni taż-żagħżagħ, is-Sur Daryl Ebejer mill-kultura u s-Sinjuri John Portelli u s-Sur Michael D'Amato mill-għaqda SHS, is-Sindku is-Sur Clive Pulis u l-Kunsilliera Corinne Buhagiar u s-segretarju eżekuttiv fejn ġie diskuss sabiex issir inventarju biex issir applikazzjoni f' April 2021 biex il-Belt tal-Isla tipparteċipa għal -Belt Kulturali 2022. Ġie diskuss wieħed x' jista jsib t'interess bħal talenti lokali, spazji miftuħa, Pjazzez, turġien, gardjola, Belveder fi Triq is-Sirena, djar antiki (Palazzini żagħar) li huma ta' storja u ta' interess. Ġie diskuss li l-Isla kienet l-iktar post f' Malta li ġiet imbumbardjata fil-gwerra peress li hija forma ta' penisola u tgħatti id-dock yard fejn kienu jkunu l-vapuri sabiex jiġu attakati.<br><br>Dar antika li hemm fi Triq il-Vitorja kienu jsiru fiha l-ewwel diskussjonijiet ta' revoluzzjoni f' Malta bejn l-Ingliżi u t-Taljani fejn bdiet tinħema l-ewwel kostituzjoni ta' Malta fl-1921 dwar il-liberta tal-kelma u l-liberta tal-istampa. Issemmiet dar oħra fi Triq iż-żewġ Mini fejn kien hemm l-għassa u Triq il-ħabs l-antik fejn kien hemm ħabs minflokk l- |

iskola u fi żmien il-Ġimgħa l-Kbira dawn il-ħabsin kienu joħorġu bil-ktajjen ma saqajhom bħala penitenza.

Ġie diskuss li l-Isla ħadet it-titlu ta’ Citta Invicta – Belt qatt mirbuħa. Id-diskutew fuq nies important li ħarġu mill-Belt tal-Isla, nies li kienu għonja għaliex kienu nies ta’ negozju. Iddiskutew dwar ix-xelters li hawn fl-Isla.

L-Aspett Marrittimu, ir-regatta ħarġet mill-Isla li kienet issir aktar minn darbtejn fis-sena iżda meta din ġiet tiswa ħafna flus biex tiġi organiżżata għalhekk ħada f’idu l-gvern.  Il-Gardjola hija simbolu Nazzjonali li kienet tintuża sabiex minnha tista tara l-vapuri deħlin u ħerġin.  Illum il-ġurnata madwar il-port issir il-Middle Sea Race. Iddiskutew ukoll dwar l-Armiral Arġentin Navali J.B. Azopardo li twieled fl-1772. Is-sena d-dieħal l-Arġentina ser jiċċelebraw il-250 sena mit-twelid tiegħu. L-istorja tal-Isla hija marbuta mal-Assedju l-Kbir, ir-regatta, l-istorja Marittima u l-kursara. Il-ħwienet tax-xatt fi żmien l-Ingliżi, kien hemm l-ewwel ċinema fl-Isla minflokk ħanut li illum huwa restaurant tas-Sirena.

Il-leġenda tas-sirena fejn is-salesjani kienu għamlu musical dwar kif din is-sirena li kienet tgħix ġo l-għar tas-sirena kif insibuħ illum minħabba din il-leġenda. Din is-sirena kienet iltaqgħet ma baħri li kien dejjem jiltaqa’ magħha iżda hi dejjem kienet tgħdilu biex ma jħarisx lejn wiċċha iżda darba dan ħares lejn wiċċħa u saret tal-ġebel.  Din l-istatwa kienet teżisti iżda bil-gwerra kienet tkissret.

Fr. Antoine ħareġ bit-titolu għal din l-applikazzjoni ‘ Discovering Senglea ‘ għaliex għad hawn ħafna x’niskopru ġewwa din il-belt.  Bħal mhux kull ħadd jaf li fil-knisja ta’ San Filippu hemm 26 qabar fil-kripta. Fil-knisja ta’ San Filippu tinsab librerija fejn hemm manuskriti (djarji) sħaħ ta x’kien jiġri fil-port il-kbir, il-qassisin ta’ dak iż-żmien kienu kollha mill-Isla.

Ġie diskuss kif id-dgħajjes tar-Regatta għadhom sallum il-ġurnata jinbnew bl-idejn u bl-ebda makkinarju. Restawr tal-ġebla tal-franka dawn is-snajja ser jintilfu maż-żmien.

Ġie diskuss l-aspett Soċjali – d-djalett, kif kienu jinqasmu bħala klikek dawk tal-ponta, tax-xatt, ta’ fejn il-knisja u ta’ fuq is-Sur. Il-Karnival: kien karnival spontarju sakemm maż-żmien ħarġu kumpaniji fejn kienu jagħmlu Maskri Grotteski.

| | |
|---|---|
| | Carmelo Borg Pisani – dan kien spija bejn l-Ingliżi u t-taljani. Dak iż-żmien fi Triq il-Vitorja kienu jgħaddu is-sinjuri biss u ma kontx tgħaddi min Triq il-Vitorja jekk ma tkunx liebsa ilbies sinjur bil-kappell u l-ingwanti. Ħafna mid-djar fi Triq il-Vitorja kellhom il-bieb ta' wara d-dar minn fejn jgħaddu is-servitu.<br><br>Il-Barklori kienu jintużaw flok il-Pilot Boats. Dwar din l-applikazzjoni ser jiġi diskuss l-aspett Politku, Storiku, Reliġjuż u Marittimu. L-Isla fiż-żmien il-kavallieri kienet Bosk u kull ma kien hemm kappella ta' San Ġiljan u żewġ mtieħen. Meta beda jitla l-bini fi żmien La Sengle, il-bini ġie iffurmat forma ta gradilja li minn taħt l-art kienu diġa bdew jaħsbu għall dranaġġ, b'hekk ġie l-isem ta' Senglea mill-Gran Mastru La Sengle. |
| 26.03.14 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet applikazzjoni għal skema li irċiviet mid-dipartiment SPI/ SCI/2/2021 – Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-kundizjonijiet tal-Play Fields fil-lokalitajiet f' Malta u Għawdex. Is-Segretarju infurmat lil kunsilliera li €3000 li l-kunsill kien applika fl-2019 bl-iskema Finanzjarja favur il-komunita - Ħajja aħjar permezz ta' eżerċizzju Fiżiku u Sports għalqet u għalhekk talb għar-rimbors ma jistax isir, għalhekk il-kunsill jista' japplika għal skema SPI/ SCI/2/2021 – Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-kundizjonijiet tal-Play Fields fil-lokalitajiet f' Malta u Għawdex sabiex il-kunsill japplika għal fondi tal-Play Area u l-Open Gym flimkien.<br>Il-Kunsilliera approvaw din l-applikazzjoni. |
| 26.03.15 | Is-Segretarju Eżekuttiv ikkomunikat mal-kunsilliera preżenti li illum 29 ta Jannar 2021 ħarġet sejħiet għall-offerti għall Provvista ta' Vettura tal-Eletriku N1. L-offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali tal-Isla, sad-9.30am ta' nhar il-Ġimgħa 5 ta' Marzu, 2021. |
| 26.03.16 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet żewġ kwotazzjonijiet oħra dwar is-servizz ta' formats lil kompjuters li ser jingħata lil residenti tal-Isla b'xejn. Il-Kwotazzjonijiet li daħlu fis-6 u fit-8 ta' Jannar huma għola minn dik ta' The Note book Centre għalhekk l-offerta ser tingħata lil The Note Book Centre. Il-Kunsilliera preżenti qablu li servizz għandu jingħata minn għand The Note Book Centre, |
| 26.03.17 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera li tlesta x-xogħol li kien hemm fuq il-Belisha Lights fix-xatt tal-Isla kollu mil-Maċina sal-Ponta. Dan ix-xogħol sar mil-ħaddiema tal-Works Division fejn ħa ħsieb is-sur Noel Zahra. Tlestiet ukoll iż-żebgħa blu fil-kaxxa tal-parkeġġ tad-diżabilta' u t-tabella fejnil-knisja. Is-Sinkdu informa lil kunsilliera preżenti li inqalet problema fi Pjazza 4 ta Settembru fejn beda ħiereġ xi ilma. Din ġiet |

| | |
|---|---|
| | solvuta mill-kuntrattur għaliex minn naħa tal-WSC ma kienx hemm self tapping screw u kellu jinqala xi madum biex issir ix-xogħol. Dan ġie tranġat mill-ewwel mill-kuntrattur Clint Grech. Is-Sindku informa lil kunsilliera li tkompla ix-xogħol ta' tibjid taċ-ċnut fi Triq il-Miġja tal-Papa mill-ħaddiema tal-Ministeru għat-Trasport ,Infrastruttura u Proġetti Kapitali. |
| 26.03.18 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera dwar laqgħa li kellu mas-Sinj. Kimberly Bondin rigward l-electric vann ta Transport Malta biex nibdew il-proċess ta' tender u xi dokumenti bil-firma sabiex nieħdu l-ewwel parti tas-somma €10,000 u kif jingħalaq il-kuntratt il-kunsill jirċievi it-tieni parti €15000. Illum kif diġa ġie diskuss ħareġet is-sejħa għall-offerti fuq l-EPPS. |
| 26.03.19 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li kellu jitla' xhud fil-Qorti ta' meta waqa' il-ħajt fi Triq is-Sur. Is-Sindku ta' x-xhieda tiegħu u qal li immedjatament tneħħa l-periklu u reġa' inbena l-ħajt mir-restoration unit, li l-Perit responsabli kien il-Perit Claude Borg. |
| 26.03.20 | Is-Sindku informa lil-kunsilliera li fid-19 ta' Jannar 2021 kellu laqgħa mal-kap tal-iskola u l-għalliema tal-eco skola biex nitkellmu mal-ħwienet tax-xatt ħabba l-affarijet tal-plastik .Is-Sinkdu ser jitkellem ma tal-ħwienet biex jidħlu għal-laqgħa virtwali. Is-Sindku tkellem wkoll mal-kunsilliera preżenti sabiex il-kunsill jinvesti f' *barriers* tal-plastik għal waqt id-dħul u l-ħruġ tat- tfal biex tkun ta' għajnuna għal puluzija. Il-Kunsilliera qablu dwar dan. |
| 26.03.21 | Is-Sindku informa lil kunsilliera dwar avveniment li Il-Ministeru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u L-Ippjannar (MECP) għal sena oħra qiegħed jingħaqad ma' pajjiżi oħra madwar id-dinja biex jiċċelebra l-attivita' tal-*Earth Hour 60*+. L-Avveniment 60+ huwa moviment mad-dinja kollha tal-WWF biex iħeġġeġ lin-nies biex jieħdu azzjoni għall-problemi ambjentali. Bħala ġest simboliku, normalment l-avveniment jinkludi tifi ta' dwal bejn it-20.30 u d-21.30 ta' monumenti, bini amministrattiv u żoni pubbliċi oħra.<br><br>Din is-sena l-avveniment ħa jiġi organizzat nhar is-Sibt 27 ta' Marzu 2021. Il-Kunsilliera qablu li għandu jsir ftehim mal-arċipriet sabiex tintefa l-faċċata tal-knisja.<br>Sabiex issir dan l-avveniment il-kunsill huwa mħeġġeġ biex jikkollabora mal-ministeru fl-organizzazzjoni ta' dan l-avveniment billi jintfew xi dwal ta' xi pjazzez, ristoranti jew ħwienet f'din is-siegħa fil- |

| | |
|---|---|
| | lokal. Ir-ristoranti jistgħu joħolqu atmosfera differenti billi jitfu id-dwal u minflokk jinxtelgħu xi xemgħat.<br><br>Il-Kunsilliera qablu li ser nitfgħu l-gardjola u l-pjazza 4 ta settembru.<br><br>Ir-Risposta tal-parteċipazzjoni għandha tintbat sa mhux iktar tard mil-Ħamis 21 ta' Frar 2021.<br><br>Ritratti jew filmati mingħand il-kunsilli għandom jintbgħatu lil Michaela Rizzo fuq michaela.rizzo@gov.mt .<br><br>Jekk jitellgħu xi ritratti jew filmati fuq *facebook*, għandhom jiġu inklużi *#Ambjent, #EarthHour u #Connect2Earth*. |
| 26.03.22 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li infetħu l-applikazzjonijiet ta' Small grant Scheme sabiex jekk il-kunsilliera jkollhom xi suġġeriment fuq xi bażi li nistgħu napplikaw għal dawn il-fondi, inkellmu lil Lynn Spiteri tal-Meusac. |
| 26.03.23 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti li għamel kuntatt mal-Perit Ivana Farrugia mid-dipartiment tar-Restoration Unit sabiex isir tindif mil-ħaxix ta' mas-swar tan-naħa ta' Boiler Wharf. |
| 26.03.24 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera sabiex japprovaw li issir talba għall-amministrazzjoni ta' propjeta pubblika, inklu il-finanzjament allokat ta' din il-kamra fuq is-sur ta' San Mikiel. Il-Kunsilliera Corrinne Buhagiar approvat u l-kunsilliera Joeline Attard issekondat. |
| **26.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| **26.4.2** | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla<br><br>Jien Malcolm Gatt nixtieq inressaq din il-mistoqsijiet għall attenzjoni tas-sindku u tas- segretarju eżekuttiv :<br><br>Il-Kunsill jista' japplika għal l-iskem dwar restawr ta' postijiet / monumenti storiċi f' Malta 2020.2021? |

| | |
|---|---|
| | Le għaliex f' din l-iskema il-kunsill lokali tal-kottonera (Il-Birgu, Bormla, l-Isla u l-Kalkara) u l-Imdina jibbenefikaw minn inizjattivi tar-*Rehabilitation Projects Office within the Restoration Directorate*. |
| **26.5** | **Rapporti** |
| **26.5.1** | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet rapport tar-raba' kwart u rapport finanzjarju għas-sena 2020 lil kunsilliera kollha permezz ta' imejl fejn spjegat li l-qada finanzjarja tal-kunsill tinsab t'qada tajjeb sabiex il-kunsill ikun jista jagħmel xi proġett żgħir. Is-Segretarju Eżekuttiv fakrett lil kunsilliera li għalkemm il-qada finanzjarja hija tajba xorta għad hemm spejjeż li jridu jitħallsu tal-proġetti li saru b'kuntratt u kien hemm żieda ta' spejjeż aktar. Il-Viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia u l-Kunsillier is-Sur Malcolm Gatt approvaw dawn iż-żewġ rapporti li huma mehmuża ma din il-minuta. |
| **26.5.2** | Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda rapporti tal-*Purchase Order u tal-Petty Cash* għax-xahar ta' Jannar 2021 fejn ġew approvati mill-kunsillier Malcolm Gatt u s-sekondat mil-kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar. |
| **26.6** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 26.6.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imejl fuq il-mejl lill Kunsilliera kollha l-iskeda ta' pagamenti, skeda Nru 1/ 2021 għall-approvazzjoni. |
| 26.6.2 | Fuq mozzjoni tal-Viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia issekondata mill-kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar approvaw il-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' pagamenti li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti. |
| **26.07** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 26.07.1 | Is-Seduta ntemmet fis-7:30p.m.wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 25 ta' Frar 2021 fil-5:30p.m |

Konfermati, illum 25 ta' Frar 2021

IFFIRMAT
Clive Pulis
Sindku

**IFFIRMAT**
Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv